



Brussell, 11 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12758/25

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0273 (NLE)

POLCOM 234
SERVICES 56
COASI 98
TELECOM 298
DATAPROTECT 210

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem I-Unjoni, tal-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 479 final.

Mehmuż: COM(2025) 479 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2025
COM(2025) 479 final

2025/0273 (NLE)

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Kummerċjali Digideli bejn l-Unjoni
Ewropea u r-Repubblika tal-Korea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea (“il-Korea”) fis-27 ta’ Ġunju 2023.¹ Il-Kummissjoni, f’isem l-Unjoni, u l-Korea nedew in-negożjati fil-31 ta’ Ottubru 2023.² In-negożjati ġew konklużi fil-prinċipju fl-10 ta’ Marzu 2025.³

L-eżitu tan-negożjati jikkostitwixxi Ftehim Kummerċjali Diġitali modern u awtonomu bejn l-Unjoni Ewropea (“UE”) u l-Korea (“Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea”), b’impenji ambizzju u vinkolanti għall-kummerċ diġitali. Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea se jtejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur online, se jipprovdi ċertezza legali għan-negożji li jixtiequ jinvolvu ruħhom fil-kummerċ diġitali transfruntier, u se jindirizza ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ diġitali. Huwa se jikkomplementa l-Ftehim ta’ Kummerċ Hieles⁴ (FTA, Free Trade Agreement) eżistenti bejn l-UE u l-Korea billi japprofondixxi u jirfed ir-relazzjoni kummerċjali bilaterali eżistenti bejn l-UE u l-Korea mill-perspettiva diġitali.

Il-kummerċ diġitali jammonha għal madwar 25 % tal-kummerċ internazzjonali kollu u qed jikber b’pass aktar mgħażżeġ mill-kummerċ tradizzjonali⁵. L-UE hija l-mexxejja dinjija kemm fl-esportazzjonijiet kif ukoll fl-importazzjonijiet ta’ servizzi tangħibbli b’mod diġitali, li ammontaw għal EUR 1,3 triljun fl-2022, jew 54 % tal-kummerċ totali tal-UE fis-servizzi.

Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea se jidħol fis-seħħi ladarba l-UE u l-Korea jkunu lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri rispettivi tagħhom għall-iffirmar u għall-konklużjoni u jkunu skambjaw notifikasi bil-miktub dwarhom.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

Din il-proposta hija konsistenti mar-rieżami ta’ politika kummerċjali tal-UE tal-2021⁶ li rrikonoxxa l-kontribut tal-politika kummerċjali diġitali tal-UE għat-trasformazzjoni diġitali tal-UE u ħabbar l-intenzjoni tal-UE li żżid l-impenn bilaterali u tesplora ofqsa aktar b’saħħithom għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali relatati mal-kummerċ ma’ sħab tal-istess fehma. Hija konsistenti wkoll mal-objettiv tal-istrateġija ta’ sigurtà ekonomika tal-UE tal-2023 li ssegwi sħubijiet ma’ pajjiżi tal-istess fehma. Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jikkostitwixxi ftehim modern u awtonomu b’impenji ambizzju u vinkolanti dwar il-kummerċ diġitali bejn l-UE u l-Korea.

Il-proposta tibni fuq il-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Korea⁷ u l-FTA, li digħi liberalizzaw u saħħew ir-relazzjoni kummerċjali bilaterali bejn l-UE u l-Korea. Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jagħti effett lid-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ tal-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Korea u, flimkien mal-FTA, jifforna ż-żona ta’ kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Korea.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8886/23.

² https://policy.trade.ec.europa.eu/news/joint-statement-launch-negotiations-eu-korea-digital-trade-agreement-2023-10-31_mt.

³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_25_732.

⁴ ĠU L 127, 14.5.2011.

⁵ OECD, “Of bytes and trade: Quantifying the impact of digitalisation on trade”, Mejju 2023.

⁶ COM(2021) 66 final.

⁷ ĠU L 20, 23.1.2013.

Il-proposta hija konsistenti mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Pacifiku⁸ li rrikonoxxiet li r-reġjun jinsab fuq quddiem nett tal-ekonomija diġitali u pproponiet li jiġu stabbiliti Sħubijiet Diġitali ma' sħab ewlenin fir-reġjun, inkluż mal-Korea.

Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jibni fuq il-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali bejn l-UE u l-Korea, riżultat ewlioni tas-Sħubija Diġitali UE-Korea⁹. Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jirrikonoxxi s-Sħubija Diġitali bejn l-UE u l-Korea bħala l-forum ewlioni għall-kooperazzjoni regolatorja dwar il-politiki diġitali.

Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea huwa konsistenti wkoll mal-eżitu tal-Inizjattiva ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ Elettroniku¹⁰, li hija r-riżultat ta' negozjati plurilaterali fost aktar minn 90 Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern fil-qasam tal-ekonomija diġitali u tad-data. Il-proposta tiżgura wkoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni ta' data personali u l-privatezza u l-qafas regolatorju tal-UE f'dan il-qasam. Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jafferma d-dritt li jiġi regolat u żgurat spazju regolatorju suffiċċenti biex jiġu segwiti l-objettivi ta' politika pubblika f'dawn l-oqsma.

Il-proposta tiffoka fuq kwistjonijiet diġitali billi tipprovdi qafas għal kummerċ diġitali miftuħ u ċertezza legali bejn il-Partijiet. Madankollu, il-proposta ma tintroduċix rekwiżiti diġitali ġodda jew sostanzjalment modifikati u ma tinvolvix skambji ġodda ta' data, awtomatizzazzjoni, sistemi diġitali, jew għoti ta' servizzi pubbliċi. L-implementazzjoni tal-proposta ma tirrikjedix acquis ġdid tal-UE jew modifika ta' dak eżistenti. Għalhekk, il-prinċipju “diġitali b'mod awtomatiku” ma japplikax.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- Bażi legali**

Il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

Il-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea għandu jiġi ffirmat mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(5) tat-TFUE u konkluż mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(6), wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

⁸ JOIN(2021) 24 final.

⁹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/eu-and-republic-korea-digital-partnership-strengthening-our-economic-resilience>.

¹⁰ Dikjarazzjoni mill-kokoordinaturi tal-Inizjattiva ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ Elettroniku tas-26 ta' Lulju 2024 (INF/ECOM/87).

- **Proporzjonalità**

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-mezzi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta' relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma' pajjiż terz barra mill-UE. Ma teżisti l-ebda alternattiva biex tali impenji u sforzi ta' liberalizzazzjoni jsiru legalment vinkolanti.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALKONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-UE u l-Korea diġà ġew illiberati u msaħħa mill-FTA bejn l-UE u l-Korea, applikat b'mod proviżorju minn Lulju 2011 u rratifikat formalment f'Diċembru 2015. Għalkemm dan huwa FTA komprensiv li jipprevedi impenji sostanzjali għall-kummerċ ta' oġġetti u servizzi bejn il-partijiet, ma jipprevedix regoli komprensivi dwar il-kummerċ digħi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati fil-kuntest ta' studju dwar l-impatti potenzjali tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea, imwettaq minn kuntrattur estern, b'appoġġ għan-negozjati¹¹.

Qabel, u matul in-negozjati, l-Istati Membri tal-UE ġew infurmati u kkonsultati b'mod regolari bil-fomm u bil-miktub dwar l-aspetti differenti tan-negozjat permezz tal-Kumitat għall-Politika Kummerċjali tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew inżamm infurmat u ġie kkonsultat ukoll permezz tal-Kumitat tiegħu għall-Kummerċ Internazzjonali (“INTA”, Committee on International Trade), u b'mod partikulari permezz tal-Grupp ta’ Monitoraġġ tiegħi għall-Korea.

Barra minn hekk, matul in-negozjati, il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit web tagħha rapporti taċ-ċikli ta' negozjati, il-proposti tat-test tal-UE u l-istqarrijiet għall-istampa, kif ukoll it-test tal-ftehim wara l-konklużjoni tan-negozjati fil-prinċipju.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-istudju dwar l-impatti potenzjali tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea twettaq minn kuntrattur estern¹².

¹¹ https://www.eeas.europa.eu/delegations/south-korea/study-potential-impact-future-eu-rok-digital-trade-agreement_en?s=179.

¹² *Ibid.*

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-istudju dwar l-impatti potenzjali tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea, imwettaq b'appoġġ għan-negozjati għal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea, ikkonferma l-impatt pożittiv potenzjali tal-ftehim¹³. L-istudju ntuża biex jiġu eżaminati l-aspetti rilevanti tal-ekonomija diġitali tal-Korea kif ukoll il-prattiki rispettivi tal-UE u tal-Korea dwar il-kummerċ diġitali, filwaqt li tqiesu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbi.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija kompletament kompatibbi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea jippreserva bis-sħiħ l-ispazju regolatorju għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni ta' data personali u l-privatezza.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĞTARJI

Mhux applikabbi.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implementazzjoni u arrangiamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea jagħmel applikabbi, permezz ta' kontroreferenza, id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-FTA, li jipprovdu struttura għall-korpi ta' implementazzjoni rilevanti tal-FTA biex jimmonitorjaw l-implementazzjoni, l-operat u l-impatt tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea.

Il-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dedikati dwar l-impenn tal-partijiet ikkonċernati li jipprovdu bażi għall-partijiet ikkonċernati biex jikkontribwixxu għall-implementazzjoni tal-ftehim.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbi.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea huwa ftehim awtonomu li għandu jiġi applikat fil-qafas tal-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Korea u li, flimkien mal-FTA, jifforma ż-żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Korea.

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-ewwel kapitolu tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea jistabbilixxu l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim, u d-definizzjonijiet użati fil-ftehim kollu.

It-tieni kapitolu tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-UE u l-Korea jinkludi l-korp tal-ftehim u jinkludi l-impenji kummerċjali diġitali. L-impenji huma ta' natura vinkolanti u

¹³ *Ibid.*

jvarjaw minn impenji dwar il-flussi transfruntiera ta' data u l-protezzjoni tal-konsumatur online, għal impenji dwar il-protezzjoni tal-kodiċi tas-sors tas-software. B'mod ġenerali, l-impenji għandhom l-għan li jtejbu l-protezzjoni tal-konsumatur online, jipprovdu ċertezza legali għan-negozji, u jindirizzaw ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċi diġitali.

It-Taqsima A tat-tieni kapitolu, dwar il-flussi ta' data b'fiduċja, tinkludi dispożizzjonijiet li huma f'konformità mal-prattika tal-UE abbażi tad-dispożizzjonijiet orizzontali tal-2018 dwar il-flussi transfruntiera ta' data u l-protezzjoni ta' data personali u l-privatezza fil-ftehimiet kummerċjali¹⁴, li jirrikoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-livell xieraq ta' privatezza u protezzjoni ta' data personali.

It-tielet kapitolu tal-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea jipprevedi eċċeżżjonijiet orizzontali, mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim, qafas istituzzjonali, u d-dispożizzjonijiet finali tal-ftehim. Fejn rilevanti, it-titlu jagħmel applikabbli, b'kontroreferenza, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-FTA li jipprovdu l-qafas għall-applikazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali Diġitali bejn l-UE u l-Korea.

¹⁴

<https://ec.europa.eu/newsroom/just/items/627665/mt>.

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [data tal-opinjoni],

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal dixxiplini ta' kummerċi diġitali mar-Repubblika tal-Korea.
- (2) Fl-10 ta' Marzu 2025, in-negożjati tal-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (“il-Ftehim”) ġew konklużi b’suċċess mill-Kummissjoni f’isem l-Unjoni.
- (3) F’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta’ [...]¹⁵, il-Ftehim ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data iktar tard.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f’isem l-Unjoni Ewropea.
- (5) F’konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li tiżgura li n-notifika lir-Repubblika tal-Korea prevista fl-Artikolu 36 tal-Ftehim issir f’isem l-Unjoni, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Kummerċjali Dijitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (“il-Ftehim”) huwa b’dan approvat f’isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

¹⁵ ĠU L ... p. [...]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*